**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Novembru 2018**

Kawza Numru: 13/2018MS

Go plc (C22334)

vs

Ann Mary Corkett (K.I. 30879A)

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fl-10 ta' April 2018 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundanata thallasha s-somma ta' seba mija u wiehed u sittin Euro u wiehed u tmienja u hamsin centezmu (€761.58) bilanc dovut fuq il-kont numru 50896810, in konnessjoni ma servizzi provduti mis-socjeta' attrici. (Doks A u B).

Ra' d-dokumenti pprezentati mis-socjeta attrici mal-avviz tat-talba. (Doks A, B u C).

Ra' li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tat-talba u l-avviz tas-smigh bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni izda ma pprezentatx risposta u lanqas deheret fl-udejnza biex tikkontesta.

Ra' illi fl-udjenza tas-28 ta' Settembru 2018 xehdet Miriam Curmi in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat illi l-ammont reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra' illi fl-istess udjenza l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Novembru 2018.

Ra' l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-talba, s-socjeta attrici qieghda titlob il-hlas tas-somma ta' €761.58 in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni provduti minnha lill-konvenuta.

Illi fis-seduta mizmuma nhar it-28 ta' Settembru 2018, ir-rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta attrici kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad il-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata bil-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni fuq imsemmija, la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta attrici m'ghandhiex mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta attrici rnexxielha tipprova t-talba filwaqt li l-konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' €761.58 bl-imghaxijiet legali kif mitluba mid-data tal-ittra ufficjali datat 10 October 2017. Spejjez a karigu tal-konvenut.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*